MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Numru. 387/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**

**vs**

**John Grech**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat John Grech, iben George u Catherine nee' Camilleri, imwieled Luqa fit-18 ta' Marzu 1946 u residenti nru 30, Triq Guzeppi Ellul, Luqa u detentur tal-karta tal-identita' numru 249846(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-12 ta’ Frar 2006 ghal habta ta’ 16.15hrs fi Triq Dawret il-Gudja, Gudja saq vettura tal-ghamla Isuzu TFS bin-numru tar-registrazzjoni ABI 225 b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni u b’ manjiera perikoluza jew b’ nuqqas ta’ hila jew arti jew professjoni jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti habat ma vettura tal-ghamla KIA Mentor bin-numru tar-registrazzjoni TFC770 u kkawza hsarat involontarji fuq l-istess vettura.

Fl-istess jum, lok u cirkostanzi, nvolontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi perdurata fuq il-persuna ta’ Josephine-Carmen Cunningham u Carmen Briffa minn Hal-Ghaxaq skond kif iccertifika Dr. Thomas Armatys MD u Dr. David Ellul MD. rispettivament ta’ SLH.

Fl-istess jum, lok u cirkustanzi ikkaguna feriti involontarji ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Indri Briffa minn Hal Ghaxaq kif iccertifika Dr. Simon Grech ta’ SLH.

Fl-istess jum, lok u cirkustanzi saq l-istess vettura bil-mutur waqt li kien taht influwenza tal-alcohol u waqt li kien hemm suspett ragonevoli ta’ dan, irrifjuta jew naqas milli jaghti kampjun tan-nifs kif mahsub taht l-artiklu 15 E tal-Kap 66 dwar ir-regolamenti tat-traffiku.

F’kas ta’ htija, il-prosekuzzjoni titlob li John Grech jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta’ April 2006 (esebit *a folio 20* tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-30 ta’ Jannar 2007 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz mnn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni, mill-avukat difensur tal-parti civili u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta’ Frar 2006 ghall-habta ta’ 16.15hrs fi Triq Dawret il-Gudja, Gudja bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TFC 770 li kienet misjuqa minn Carmen Cunningham u l-vann bin-numru tar-registrazzjoni ABI 225 misjuq mill-imputat John Grech. Bhala konsegwenza ta’ dan l-incident korriet gravament kemm is-sewwieqa tal-vettura TFC 770 Carmen Cunningham kif ukoll tnejn mit-tlett passiggiera li kien hemm fil-vettura ta’ Cunningham, u cioe’ Carmen Briffa li wkoll sofriet griehi ta’ natura gravi per durata u Indri Briffa li sofra griehi ta’ natura hafifa. Dawn iz-zewg passiggiera kienu riekbin fis-seat ta’ wara tal-vettura filwaqt li quddiem kien hemm passiggier Raymond Cunningham.

Illi Carmen Cunningham xehdet quddiem din il-qorti fl-udjenza tat-23 ta’ Marzu 2007 spjegat li fil-gurnata u l-hin in kwistjoni hija kienet qed issuq il-vettura taghha gejja mid-direzzjoni tal-ajruport u sejra lejn Hal-Ghaxaq, kienet ghaddejja fuq sajdha u ma kinitx qed issuq b’velocita’ meta f’hin minnhom rat vann tal-marka Isuzu gej mid-direzzjoni opposta jdur zewg dawriet f’nofs it-triq u mbaghad jigi ghal fuq il-vettura taghha. Cunningham spjegat li l-imputat laqatha bil-parti ta’ wara tal-vann tieghu, precizament bil-kaxxa u dan ghaliex fil-mument li gie fuq il-karreggjata li kienet qed issuq hi il-vann kien dar ihares fid-direzzjoni li fil-fatt kien gej minnha. Hija spjegat inoltre li l-vann l-ewwel laqatha fuq ir-rota ta’ quddiem tal-lemin u imbaghad habat mal-bankina u laqat il-vettura taghha frontalment. Carmen Cunningham spjegat li bhala konsegwenza tal-incident hija sofriet griehi fis-swaba ta’ saqajha u ittiehdet l-isptar fejn giet medikata u intbaghtet id-dar u spjegat inoltre li hija ghamlet xahrejn ma tistghax timxi wara l-incident.

Carmen Briffa li kienet passiggiera fil-vettura ta' Cunningham wkoll xehdet waqt l-udjenza tat-23 ta' Marzu 2007 fejn spjegat li hija kienet riekba fis-seat ta' wara fil-vettura misjuqa minn bintha meta f'daqqa wahda hasset daqqa u wara ftit hasset daqqa ohra fuq in-naha ta' quddiem tal-vettura li kienet passiggiera fiha. Hija spjegat li sofriet griehi f'ghonqa bhala konsegwenza tal-incident u damet madwar xahar rikoverata l-Isptar u wara li harget mill-Isptar ghamlet madwar erba' jew hames xhur ma tistghax tohrog mid-dar. Hija spjegat ukoll li meta harget mill-Isptar ordnawlha tilbes kullar u qalet li hija ghadha tilbes il-kullar sal-gunrata tal-llum.

Indri Briffa li wkoll kien passiggier fuq wara fil-vettura ta' Cunningham (xhieda relattiva inserita a fol. 48 u 49 tal-process) spjega li huma kienu ghaddejjin mit-triq tal-Gudja sejrin fid-direzzjoni ta' Hal-Ghaxaq meta f'daqqa wahda sema' lil bintu li kienet qed issuq tesklama u f'daqqa wahda hass l-ewwel daqqa fil-genb ta' quddiem tal-vettura li kien fiha u mbaghad hass daqqa ohra fuq il-parti frontali tal-vettura. Huwa spjega li bhala konsegwenza tal-incident sofra griehi f'imniehru u dam tmint ijiem sabiex ifiq.

Raymond Cunningham li kien front seat passenger fil-vettura misjuqa minn martu Carmen Cunningham (xhieda relattiva inserita a fol. 50 u 51 tal-process) qal li fid-data u hin imsemmija huwa ra l-vann misjuq mill-imputat jimmanuvra f'nofs it-triq u jolqot il-vettura taghhom bil-parti ta' wara tal-vann. Huwa spjega inoltre li meta nizel mill-vettura wara l-incident l-imputat prova ihebb ghalih izda gie mwaqqaf minn xi nies. Huwa seta' jinnota li l-imputat ma kienx f'sikktu u deher fis-sakra. Cunningham qal li huwa rega' dahal fil-vettura u sakkar l-istess vettura u dan ghaliex beda' jibza mill-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta Gunju 2008 fejn spjega li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vann tieghu tal-marka Isuzu sejjer lejn Hal-Luqa meta skidjalu l-vann u baqa' sejjer fuq in-naha l-ohra tat-triq u waqaf bil-vann jipponta lejn il-hajt u jsostni li

malli waqaf habtet mieghu vettura gejja mid-direzzjoni opposta. Huwa jghid li malli skidja l-vann ma kienx ra vetturi ohra fit-triq. Huwa spjega inoltre li l-hsara fil-vann tieghu kienet fuq wara lejn ix-xellug. In kontro-ezami l-imputat qal li qabel ma skidja kien gej minn parti dritta tat-triq u qal li skidja ghaliex kienet ix-xita u qal li qabel ma skidja kien qed isuq b'velocita' ta' bejn 40 u 45 mil fis-siegha. Huwa qal ukoll li nonostante li kellu vizwali fit-tul fid-direzzjoni li minhna kienet gejja l-vettura misjuqa minn Cunningham huwa fl-ebda mument ma ra l-vettura ta' Cunningham. Meta inqratlu dik il-parti tax-xhieda fejn PS 1386 qal li l-imputat kellu riha ta' xorb immedjatament wara l-incident l-imputat irrisponda 'dak jghid li jrid' u inoltre huwa qal li rrifjuta darbtejn li jsirlu il-breathaliser test ghaliex kien migugh. Huwa sostna inoltre li ma giex imwissi li min jirrifjuta li jsirlu breathaliser test ikun qed jikkommetti reat. Huwa cahad li kien xurban fil-hin tal-incident.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz u senjatament minn ezami tal-iskizz esebit a fol. 37 tal-process jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-incident awtomobilistiku de quo sehh minhabba sewqan traskurat u perikoluz da parti tal-imputat. Mill-iskid marks wara l-vettura tal-imputat jidher li huwa skidja ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq fejn qabez il-linja medjana tal-istess triq u bil-kantuniera ta' wara tax-xellug tal-vann tieghu laqat il-vettura ta' Cunningham li kienet ghaddejja ghall-affari taghha fuq sajdha. L-imputat isostni li l-vann tieghu skidja ghaliex kienet ix-xita izda mbaghad fl-istess nifs jghid li kien qed isuq b'velocita ta' madawar 45 mil fis-siegha u jghid li ghalkemm kien gej minn parti dritta tat-triq u ghalkemm kellu vizwali fit-tul fid-direzzjoni li minnha kienet gejja Cunningham huwa fl-ebda hin ma ra l-vettura ta' Cunningham. Il-Qorti jidrilha li mill-provi rrizulta ampjament li l-imputat ma kienx kapaci jikkontrolla l-vettura tieghu ghaliex kien qed isuq il-vann tieghu b'velocita' tali li ma setghax jikkontrolla l-vann bit-triq imxarrba u bix-xita niezla. Huwa inoltre ma kienx qed izomm a proper lookout ta' dak li kien qed jigri fit-triq

ghaliex ex admissis jghid li fl-ebda hin ma nduna bil-vettura ta' Cunningham gejja mid-direzzjoni opposta u huwa ghalhekk ser jinstab hati ta' sewqan traskurat u perikoluz. Il-Qorti jidrilha li ma tistghax temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat fejn huwa jsostni li kien wieqaf fil-mument li Cunningham baqghet diehla fil-vettura tieghu u dan ghaliex mill-iskizz jirrizulta li l-vettura ta' Cunningham ghandha hsara kemm fil-ponta tal-lemin ta' quddiem kif ukoll hsara frontali u inoltre kemm Cunningham kif ukoll il-passiggiera fil-vettura taghha lkoll isostnu li l-vettura taghhom giet milquta darbtejn mill-vann misjuq mill-imputat, l-ewwel darba fil-genb tal-lemin fuq quddiem u t-tieni darba frontalment.  Dan kollu jindika li kien l-imputat li laqat il-vettura ta' Cunningham u li huwa ma kienx wieqaf fil-mument tal-impatt, kif qed jipprova jsostni hu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tressaq provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat involontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi per durata kemm lil Carmen Cunningham kif ukoll li Carmen Briffa u griehi ta' natura hafifa lil Indri Briffa. Dan jirrizulta mhux biss mix-xhieda tal-imsemmija tlett persuni li lkoll ikkonfermaw in-natura tal-griehi minnhom sofferti izda wkoll mic-certifikati medici relattivi esebiti in atti a fol. 13 sa 15 u mix-xhieda tal-kirurgu Frederick Zammit Maempel (xhieda relattiva inserita a fol. 53 sa 55) u mix-xhieda ta' Dr. David Ellul (xhieda inserita a fol. 56 u 57 tal-process) u mix-xhieda ta' Dr. Jan Balent (xhieda relattiva inserita a fol. 59 u 60 tal-process). L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-ewwel(1), tat-tieni(2) u tat-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tar-raba'(4) akkuza l-imputat jinsab ukoll akkuzat illi fl-imsemmija data, hin u lok saq il-vettura tieghu waqt li kien taht l-influwenza tal-alcohol kif ukoll li huwa rrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs sabiex isirlu l-breathaliser test. Mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni

f'dan il-kaz u senjatament mix-xhieda ta' PS 1386, dik ta' PC 686 u dik ta' PC 573 li lkoll xehdu fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2007 irrizulta li l-imputat kellu riha ta' xorb immedjament wara l-incident u li huma ghalhekk kellhom suspett ragonevoli sabiex jitolbuh jaghti kampjun tan-nifs u rrizulta wkoll li l-imputat irrifjuta li jaghti l-kampjun tan-nifs u dan nonostante li huwa gie debitament imwissi x'kienu l-konsegwenzi ta' tali rifjut. L-ex Spettur Romina Veneziani (li xehdet fl-udjenza tal-24 ta' April 2008) ukoll ikkonfermat li l-imputat rega' irrifjuta li jittiehidlu l-kampjun tan-nifs meta ittiehed id-Depot u hija esebit id-dokument relattiv fejn hemm indikat tali ridjut (a fol. 69). Il-Qorti jidrilha li filwaqt li l-imputat ma jistghax jinstab hati li saq il-vettura tieghu meta kien taht l-influwenza tal-alcohol l-imputat certament jista' jinstab hati tal-akkuza li rrifjuta li jittiehidlu l-kampjun tan-nifs u dan ghaliex kemm il-Pulizija li marru fuq il-post kif ukoll Raymond Cunningham ilkoll ikkonfermaw li l-imputat kellu riha ta' xorb u li kien jidher fis-sakra. Mill-provi inoltre rrizulta ampjament ippruvat li l-imputat irrifjuta li jaghti l-kampjun tan-nifs darbtejn u dan ghal ragunijiet mhux gusifikabbli jew accettabbli. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tar-raba' akkuza limitatament in kwantu jirrigwarda ir-rifjut li jaghti l-kampjun tan-nifs.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17 u 226(1)(a) u (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 15 (1)(a), (2), 15C u 15E tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1), it-tieni(2) u t-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif ukoll tar-raba'(4) akkuza izda in kwantu jirrigwarda din l-akkuza huwa qed jinstab hati biss ghal dik il-parti tal-akkuza riferibbli ghar-rifjut tieghu li jaghti l-kampjun tan-nifs izda qed jigi dikjarat mhux hati u konsegwentement liberat mir-rimanenti parti ta' din l-akkuza in kwantu din hija riferibbli ghall-fatt li huwa kien qed isuq taht l-influwenza tal-alcohol, u tikkundannah multa ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) u tiskwalifikah millli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------